# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

Karl Iles

Illum 26 ta` Novembru, 2024

Il-Qorti rat-l-imputazzjonijiet fil-konfront ta’ Karl Iles, bin Derek u Mark nee Farrugia, imwieled fil-23/12/1975 u joqghod 11, Fl 12, Triq il-Miratur, Floriana, ID 81176M.

Billi inti akkuzat talli fil-30 ta’ April, 2022 ghall-habta ta’ 00.50 hrs f’Vjal Santa Lucija, Paola, soqt vettura b’numru ta’ registrazzjoni HBT 873;

1. U aktar talli irrifjutajt jew inqast milli taghti skont il-ligi kampjun tan-nifs jew kampjun tal-urina;
2. U b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, involontarjament ikkagunajt offiza gravi fuq il-persuna ta’ Sherise Abela minghajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu

218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta skont kif iccertifika Dr. Luke Zammit MD mill-MDH.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija minbarra li tinfliggi piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikoli 15 EL.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda.Kap 65 u Artikolu 226 (1) ( b) u tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

L-imputata ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**Jessica Marie Lanzon,** xehdet hekk:ID:100500L,

Qorti: Mela x`ha tgħidilna?

Pros: Rajt xi inċident sinjura?

Xhud: Mela kien 29th April 2022 kont għaddejja minn tal-Barrani nieżla l-Marsa qbizt il-mina u kont għaddejja u bil-kontra tiegħi rajt tielgħa karozza bla dawl, jiġifieri tiela' wrong way għax il-karreġġjata kif qeghda ninżlu biss mbagħad minn naħa l-oħra jitilgħu sewwa, jiġifieri dik kienet tiela' minn naha fuq il-lane l-oħra one way bla dawl. Jiena kif rajt hekk qbadt naqqas l-ispeed kien hemm Mercedes ġej

minn warajha qabiżni induna bijja resaq quddiemi għax hi kienet fuq il-lane l-oħra u qabad u innaqqas l-speed ukoll kif il-karozza li kienet tieghla ġew kif ġew parreġġati ma' xulxin din out of the blues qabdet u kissret għal fuqu.

Qorti: Inti il-karozza li kienet ġejja mill-faċċata taf min kien qed isuqha please?

Xhud: Tfajla.

Qorti: Qed tarafha fl-awla?

Xhud: Iva.

Qorti: Ix-xhud indikat l-imputata Shanice Abela.

Pros: Il-karozza tiegħek x'kienet?

Xhud: Tiegħi Mazda Demio bajda JCM 061 ġej moses one.

Pros: Il-karozza l-oħra li qed tgħid min kien qed isuqha?

Xhud: Il-Mercedes is-sinjur.

Qorti: Ix-xhud indikat l-imputat Karl Iles.

Pros: Konsegwenza ta` dan l-incident x`garalek inti?

Qorti: Inti dahhlet fik?

Xhud: Le jiena xhud biss, ehe kif jiena rajtah tielgha bil-kontra jien akont ga qbadt innaqqas l-ispeed hu qabiżni u niżlu iktar l-isfel minni ovvjament jien kont naqqastu l-ispeed kien filgħaxija it-triq kienet vojta jiġifieri jiena stajt nnaqas l-ispeed kif rajthom kif rajtha daħlet ġo fih, jiena tlajt fuq il-bankina ipparkjajt fuq il-bankina u waqqafna l-ambulanza biex tieħu ħsiebhom. U ċempilna pulizija.

Pros: M'għandix iktar mistoqsijiet.

Avu: Xejn iktar sinjura.

Ps 2269 Miriam Lia xehdet permezz ta affidavit

Dr Sara Scerri xehdet permezz ta' affidavit

**Ikkunsidrat**

Fil-kamp kriminali l-livell ta' provi irid ikun "beyond reasonable doubt" . Ix-xhud Jessica Maria Lanzon xehedet li l-incidnet sehh fill-29 ta' April 2022 filwaqt li l-imputazzjoni tirrigwarda t-30 ta" April 2022.

Bhekk ma hemmx il-livell ta' provi rikjest.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat  l-artikoli 15 E L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda.Kap 65 u Artikolu  226 (1) ( b) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

issib lil Karl Iles mhux hati tal-imputazzjoni fil-konfront tieghu   u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**